



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2010/2038(INI)

9.4.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi għal ekonomija li qed tirkupra
(2010/2038(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ivailo Kalfin

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), minkejja r-reviżjoni tiegħu fl-2005, ma kienx biżżejjed biex jipprevjeni l-kriżi attwali;
- B. billi s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi mhux biss hija kruċjali għall-Ewropa kollha kemm hi, imma wkoll speċifikament għall-baġit komuni Ewropew;
- C. billi, minkejja li l-baġit tal-unjoni Ewropea fil-preżent huwa llimitat għal madwar 1% tad-Dħul Nazżjonali Gross totali tal-Ewropa, il-prinċipji ġenerali u l-presupposti sottostanti tas-'sostenibbiltà' għandhom japplikaw ukoll għalih;
 1. Jappoġġa l-idea li koordinament akbar tal-politiki ekonomiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea huwa ħtieġa imperattiva u jgħib miegħu sinerġiji addizzjonali;
 2. Jammetti li l-PST mhuwiex għodda suffiċjenti għall-armonizzazzjoni tal-politiki fiskali u ekonomiċi tal-Istati Membri;
 3. Jappoġġa għaldaqstant reviżjoni tal-mekkaniżmi biex l-ekonomiji nazżjonali fi ħdan l-UE jitreġġgħu lura għat-triq tal-konverġenza;
 4. Iqis li r-reviżjoni tal-miri u tal-mekkaniżmi għall-konverġenza tal-ekonomiji nazżjonali għandha titwettaq mill-aktar fis possibbli, inkluż permezz tal-kunsiderazzjoni dwar il-ħolqien ta' fond monetarju Ewropew, biex tiddefinixxi, fost l-oħrajn, l-effetti possibbli ta' żieda tal-valur miżjud Ewropew fil-baġit tal-UE;
 5. Jinnota li s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi hija wkoll fundamentament marbuta mal-baġit tal-UE u mal-finanzjament tiegħu;
 6. Ifakkar li, fil-forma attwali u mhux sodisfaċenti tiegħu, sa 70% tal-finanzjament tal-UE joħroġ mhux mir-riżorsi proprji tagħha, imma mill-baġits nazżjonali bħala 'kontribuzzjonijiet' permezz tar-riżorsa tad-Dħul Nazżjonali Gross; itenni t-ħassib tiegħu li l-kriżijiet, li jista' jagħti l-każ li qamu minħabba politiki mhux sostenibbli, faċli li teħel għalihom l-Unjoni, u li l-kontribuzzjonijiet tal-baġit għalhekk jistgħu jitqiesu bħala 'piżijiet addizzjonali' fuq il-baġits nazżjonali, aktar milli jkun hemm apprezzament tal-benefiċċji konġunti u tal-valur miżjud Ewropew;
 7. Jenfasizza r-rwol pożittiv ħafna tal-baġit tal-UE, minkejja li llimitat ħafna mill-MFF, fit-taffija tal-effetti tal-kriżi permezz tal-finanzjament tal-Pjan ta' Rkupru Ewropew u r-riallokazzjoni tal-fondi favur oqsma prijoritarji f'dak ir-rigward; madankollu jiddeplora n-nuqqas ta' koordinament suffiċjenti bejn il-politiki ekonomiċi u fiskali tal-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-kriżi ekonomika u finanzjarja, kif ukoll biex jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi;

8. Huwa tal-fehma li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni m'għandhomx ikunu wehdom responsabbli biex jikklassifikaw id-dejn sovrani, funzjoni li tinqeda aħjar bil-ħolqien ta' mekkaniżmu għal evalwazzjoni addizzjonali tal-valur għust ta' djun ta' dan it-tip u permezz ta' rwol akbar tal-Eurostat fil-provvista ta' dejta affidabbli;
9. F'dan ir-rigward, jinkoraġġixxi sforzi biex it-tfaddil disponibbli jissarraf fi nfiq koordinat ta' investiment permezz ta' politiki fiskali;
10. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu adegwat ta' kooperazzjoni flimkien mal-IMF f'każijiet speċjali fejn l-Istati Membri jingħataw appoġġ għall-bilanċ tal-pagamenti mill-IMF;
11. Ifakkar li l-inflazzjoni ma tistax tkun risposta għall-ħtieġa ta' aġġustament fiskali, minħabba li timponi kosti ekonomiċi sostanzjali u tirrappreżenta theddida għal tkabbir sostenibbli u inklużiv.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	8.4.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Abad, Alexander Alvaro, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Andrea Cozzolino, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Estelle Grelier, Jiří Havel, Monika Hohlmeier, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Dominique Riquet, Sergio Paolo Francesco Silvestris, László Surján, Helga Trüpel, Daniël van der Stoep, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Frédéric Daerden, Gerben-Jan Gerbrandy, Riikka Manner, Paul Rübig, Georgios Stavrakakis, Theodor Dumitru Stolojan